MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 7/2008

Kawza fil-lista: 26

**A C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li fis-16 ta' Frar 2007 il-konvenut intavola l-kawza numru 37/06NC fl-ismijiet inversi li permezz taghha huwa talab li z-zwieg tieghu mal-attrici jigi dikjarat null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-artikolu 19[1][d] u [f] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; li permezz ta' sentenza, moghtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar 2007, il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut u ddikjarat null iz-zwieg ta' bejn il-partijiet; li l-attrici ma gietx validament notifikata bil-kawza

li taghha qeghdha tintalab ir-revoka tas-sentenza u l-eventwali ritrattazzjoni. Fil-fatt hija qatt ma kienet konsapevoli bil-proceduri. Illi l-konvenut kien konsapevoli bil-fond residenzjali tal-attrici u ma nnotifikahiex fir-residenza taghha u cioe' 'Fredmar', Flat 14, Triq Alofju Wignacourt, San Pawl il-Bahar, intenzjonalment u b'qerq sabiex hi ma jkollhiex l-opportunita' li tipproduci x-xiehda taghha. Illi wiehed jista' jinferixxi l-*mala fede* tal-konvenut meta l-istess konvenut ipprova jimmanipola bin-notifika billi hareg in-notifika tal-attrici fl-indirizz tieghu stess u cioe': 39, Lapsi Street, St. Julians', u konsegwentement gie notifikat certu <isem> u dan skont ma jirrizulta minn kopja tar-riferta annessa u markata Dok D. Illi dan l-agir qarrieqi da parti tal-konvenut gie eventwalment notat rnill-Qorti tant li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2006, il-Qorti ordnat in-notifika bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni u dan wara li l-attur stqarr bil-gurament tieghu li ma kienx jaf fejn tghix l-attrici, vide kopja tal-verbal markat Dok E. Illi l-konvenut kien fil-fatt konsapevoli fejn kienet tghix l-esponenti u li kienet ilha tghix hemm sa mis-sena 1999. Illi minkejja dan kollu, il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza (Dok C) b'mod li tort tal-istess konvenut ma giex osservat il-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*. Illi konsegwentement f1-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007), il-konvenut D E ottjena sentenza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-konfront tal-kontendenti. Illi l-attrici saret taf b'din is-sentenza fix-xahar ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) wara zewg korrispondenzi li kopja taghhom qeghdha tigi annessa u markati Dok A u Dok B. Illi malli l-attrici saret taf b'dawn il-fatti immedjatament irrikorriet ghand l-avukat ta' fiducja taghha u ntavolat dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni. Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatti u cirkostanzi kollha, hemm lok ta' ritrattazzjoni u dan peress li s-sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Rikors Guramentat numru 37/2006 fl-ismijiet "D E vs A C", hija nulla u bla effett u dan peress li ttiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra kif ukoll ghaliex ir-rikors guramentat ma kienx gie notifikat validament lill-parti telliefa, u din il-parti, ghad li ma gietx notifikata, ma dehritx fis-smiegh tal-kawza u ghalhekk l-attrici ma kinetx legalment notifikata skont il-ligi u dan bi pregudizzju kbir ghaliha. Illi ghalhekk

hemm lok car ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811 (a) u 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk permezz tal-proceduri odjerni qed titlob li din il-Qorti:

Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Rikors Guramentat Numru 37/2006 f1-ismijiet "D E vs A C" li giet deciza fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u; tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza a tenur ta' l-Artikolu 811 (a) u 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa: [1] li r-rikors odjern huwa rritwali u t-talbiet huma nulli, stante li l-artikolu applikabbli ghal ritrattazzjoni wara sentenza ta' qorti tal-ewwel grad huwa l-artikolu 812 tal-Kap.12 u, mhux l-artikolu 811 indikat mill-attrici; [2] li ma jezistux l-estremi li jaghtu lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza; [3] li l-attrici, allura konvenuta, kienet giet debitament notifikata bl-atti tal-kawza skont il-ligi; [4] li ghalhekk ma kien hemm ebda qerq da parti tal-konvenut, allura attur, [5] li l-konvenuta m'ghandhiex tbati spejjez;

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu din l-Qorti ordnat li jigu allegati, mal-atti tal-kawza odjerna, l-atti tal-kawza fuq indikata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija minnn din il-Qorti fl-1 ta' Frar 2007 fil-kawza numru 37/06NC, u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza a

tenur tal-artikolu 811[a] u [b] tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-konvenut qed jopponi ghal din it-talba ghax, skont hu, l-attrici kienet giet validament notifikata bl-atti ta' dik il-kawza; u min-naha tieghu ma kien hemm ebda qerq.

**Il-Fatti**
Illi fis-16 ta' Frar 2006 il-konvenut, allura attur, intavola l-imsemmija kawza kontra l-attrici, allura konvenuta.

Illi l-konvenut hareg in-notifika tal-attrici, bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh, bl-indirizz 39 Lapsi Street, St. Julians, u mir-riferta tal-Marixxall jirrizulta li l-atti gudizzjarji gew notifikata f' dan l-indirizz, f'idejn <isem>;

Illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2006, fuq riljev ta' din il-Qorti, stante li z-zewg indirizzi taz-zewg partijiet fuq it-tahrika kienu ndikati bhala l-istess, il-konvenut ikkonferma bil-gurament "li ma jafx fejn tghix il-konvenuta [l-attrici], u li l-atti gew notifikati lilha fl-indirizz tieghu stess."[1] Konsegwentement il-Qorti kienet awtorizzat in-notifika tal-attrici bil-proceduri kontemplata fl-artikolu 187[3] tal-kap.12.

Illi mill-provi migjuba fil-kawza in dizamina, rrizulta li f'dak iz-zmien l-attrici kienet toqghod fil-fond 'Fredmar Flats' Flat 14 Triq Alofju Wignacourt, San Pawl il-Bahar, u li ma kienitx taf bil-kawza 37/06NC prezentata mill-konvenut kontra taghha, bir-rizultat li hi ma deheritx f' dik il-kawza, u ghalhekk gie vjolat fil-konfront taghha d-dritt procedurali fondamentali tal-*audi alteram partem*.

Inoltre, l-attrici qed taddebita komportament qarrieqi da parti tal-konvenut, stante li skont hi dan kien ben konsapevoli tal-fatt li hi kienet qeda tirrisjedi fl-imsemmi fond San Pawl il-Bahar. Di fatti, l-attrici tghid li meta l-partijiet kienu zzewwgu, huma marru joqghodu fl-imsemmi fond, fejn kienet diga' tabita' l-attrici. Hi tghid li tul il-konvivenza matrimonjali ta' circa sena huma kienu

[1] FG.37/06NC – fol.12

baqghu jghixu hemmhekk, sakemm il-konvenut telaq mid-dar konjugali. Din il-verzjoni ssib konfort fix-xhieda tal-habiba taghha, Saida Baron.

Izda l-konvenut hareg in-notifika fil-post f'San Giljan li fih hu kien jaf li ma kienitx qeda tghix martu, meta fl-istess hin hu kien jaf li r-residenza taghha kienet fil-post f'San Pawl il-Bahar.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-19 ta' Gunju 1999, u fit-13 ta' Awissu 1999 l-attrici rregistrat l-imsemmi fond bhala r-residenza taghha, tant li l-karta' tal-identita' taghha kienet tindika l-imsemmi post bhala r-residenza taghha.

Illi min-naha tieghu l-konvenut isostni li hu ma kienx jaf bil-post ta' San Pawl il-Bahar, u ghalhekk indika l-post ta' San Giljan, peress li hu ma kienx jaf fejn martu kienet fil-fatt qed tirrisjedi.

Il-konvenut isostni li meta zzewwgu, il-partijiet kienu marru jabitaw m'ommu fil-post Santa Lucjia, u hemm damu jghixu tlett xhur, sakemm l-attrici qabdet hwejjigha u telqet 'il barra, u ma kienx jaf fejn marret toqghod.

Il-konvenut in sostenn tal-verzjoni tieghu ressaq lil ohtu Y E u lil ommu Q E, li pero' min-naha taghhom taw verzjoni kontrastanti ta' fejn verament kienet ir-residenza tal-partijiet tul il-konvivenza taghhom. Fl-affidavit[2] taghha Y E tghid li wara z-zwieg il-partijiet kienu marru joqghodu maghhom f' Santa Q ghal zmien tlett gimghat, filwaqt li fix-xhieda taghha tghid li kienu damu joqghodu hemmhekk circa gimghatejn[3]. L-istess verzjoni taghtiha Q E li kategorikament tghid, ghall-izjed minn darba, li l-partjiet kienu damu joqghodu maghha hmistax[4].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta li, ghalkemm l-attrici kienet giet formalment notifikata skont l-artikolu 187 tal-Kap.12, fil fatt

---

[2] RG. 37/06 - Fol.104
[3] Ibid – fol.86
[4] Ibid – fol.117

hi ma kienitx taf bil-kawza, u ghalhekk ma dehritx, bir-rizutlat li giet privata mid-dritt taghha li tidher fil-kawza migjuba kontra taghha.

Jirrizulta provat wkoll li sa mis-19 ta’ Awissu 1999, u cioe’ xaharejn circa wara z-zwieg, ir-residenza taghha ufficjali kien il-flat ta’ San Pawl il-Bahar, izda hi qatt ma kienet harget notifika f’ dan il-fond.

Illi l-konvenut jghid li hu ma kienx jaf li l-attrici kienet qed tabita f’dak il-fond, filwaqt isostni li wara z-zwieg hu u martu kienu marru jabitaw m’ ommu ghal zmien tlett xhur. L-attrici min-naha taghha tikkontesta din il-verzjoni, u tghid li wara z-zwieg il-partijiet kienu marru joqghod fil-flat San Pawl il-Bahar, ghalkemm kienu jmorru ghand ommu wkoll.

Illi l-Qorti hi propensa li taccetta bhala veritiera l-verzjoni moghtija mill-attrici, in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] li huwa nverosimili li l-attrici kienet taf bil-kawza, izda naqset milli tidher sabiex taghti il-verzjoni taghha, meta kien car li jekk il-verzjoni tal-konvenut ma kienitx ser tigi kontestata jew kontraddetta, kien hemm possibilita’ kbira li t-talba tieghu tintlaqa’.

[2] li l-verzjoni attrici ssib sostenn fix-xhieda tal-habiba taghha, filwaqt li dik tal-konvenut tirriskontra kuntrast fix-xhieda prodotti minnu stess;  ghax filwaqt li hu jsostni li wara z-zwieg il-partijiet ghexu ghand ommu tlett xhur, kemm ohtu kif ukoll ommu, jghidu li damu biss hmistax-il gurnata.  Dan il-kuntrast fiz-zmien, daqshekk kbir, idghajjef serjament it-tezi tal-konvenut, u wassal lil din il-Qorti sabiex taghti aktar affidament lill-verzjoni tal-attrici, u tiskarta l-allegazzjoni tal-konvenut li, meta fetah il-kawza kontra l-attrici, hu ma kienx jaf fejn din kienet qed tirrisjedi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet tal-attrici ghar-revoka tas-sentenza precitata u ghar-rittrattazzjoni tal-kawza hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-artikolu 811 [a] u [b] u timmerita li tigi milqugha.

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari, il-Qorti tosserva li, ghalkemm fir-rikors guramentat l-attrici ccitat biss l-artikolu 811, dan il-fatt ma jirrendix nulli l-proceduri odjerni, stante li, ghalkemm huwa applikabbli l-artikolu 812 tenut kont tal-fatt li meta l-attrici kienet saret taf bil-kawza dina kienet gja *res judicata*, dan l-artikolu jaghmel referenza ampja ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 811 li allura huwa applikabbli wkoll.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attrici, u tirrevoka s-sentenza fuq indikata u tordna li l-kawza numru 37/06NC fl-ismijiet 'D E vs A C' tigi ritrattata.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------